**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**

**Vs**

**Wael Mahmoud Dawah**

**Illum 17 ta' Awissu 2001.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Wael Mahmoud Dawah ta' 35 sena iben Mahmoud u Aida Xnini imwieled Damasku is-Sirja nhar it-12 ta' Awissu 1965 u residenti Plymouth Flats, Flat 5, Triq Testaferrata, Gzira jew Marylin Flats no. 2, Triq Testaferrata Gzira, jew il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin bin-numru tal-Identifikazzjoni bhala refugjat f'dawn il-gzejjer 0954390;

Talli nhar is-27 ta'Marzu 2000, gewwa l-Awla tal-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., waqt l-atti tal-Kumpilazzjoni l-Pulizja Spettur Nicholas Ciappara ves Jesmond Cassar et, ta xhieda falza fi proceduri kriminali dwar delitt ghall-piena akbar mill-piena ta' prigunerija ghall-zmien sentejn, sew kontra kemm favur il-persuna akkuzata u dan ai terminu tal-Artikolu 104 u 105 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data gewwa l-istess Awla tal-Qorti quddiem l-istess Magistrat imsemmija hlief il-falzz, u dan bi ksur tal-Artikolu 108 (1) (a) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll talli huwa ricediv u dan b'sentenzi li saru definittivi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta u cioe' nhar:

Id-19 ta' Mejju 2000, mill-Magistrat Dr. J. Padovani Grima LL.D. fejn gie misjub hati ta' attentat ta' serq aggravat u hsara volontarja;

Il-5 ta' Jannar 2001, mill-Magistrat Dr. N. Cuschiera LL.D, fejn gie misjub hati bi traffikar u pussess tad-droga eroina.

Kif ukoll illi kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-istess Onorabbli Qorti meta nhar it-8 ta' Frar 2000 kien misjub hati mill-Magistrat Dr. N. Cuschieri LL.D, ta' pussess ta' droga u giet imposta fuqu bhala sentenza l-artikolu 9 kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta ghal 19-il-xahar.

Kif ukoll li nhar il-15 ta' Dicembru 2000 ukoll gie misjub hati ta' pussess ta' droga mill-Istess Magistrat Dr. N. Cuschieri LL.D. u mpost fuqu bhala sentenza l-artikolu 9 tal-Kapitolu152 ghall-perjodu ta' sena.

Wara illi rat l-Artikoli tal-Avukat Generali li jgibu d-data tat-8 ta' Awissu 2001, u cioe' l-Artikoli 104, 405, 108(1)(a), 17(b), 20, 49, 50, 31, 22 u 533 tal-Kodici Kriminali u l-Artikoli 5, 9, 10 u 11 tal-Kap 152 u l-Artikolu 109;

Kif ukoll l-Artikolu 370 (3)(a) tal-Kodici Kriminali;

Ikkunsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni, ma' jhallu l-ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imputat hati kif akkuzat.

Fir-rigward tal-piena, l-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, temmen illi piena karcerarja hija imperattiva ghal dan l-imputat, wara li hadet in konsiderazzjoni l-passat tieghu.

Ghaldaqstant, filwaqt li din il-Qorti qed issib lill-imputat hati kif akkuzat, qeghda tikkundannah ghall-perjodu ta' inkarcerazzjoni ghal zmien sena (1) ossia tnax-il-xahar (12) mil-lum u a tenur tal-Artikolu 108 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tinterdixxi lill-imputat milli jghamel kull att civili ghal-perjodu ta' hames snin (5)mil-lum, a tenur tal-Artikolu 109(1).

Il-Qorti, izda, qeghda attivament tissuggerixxi lid-Direttur tal-Habs, sabiex dan l-imputat jigi assenjat mal-Fakulta' SATU tal-Habs Civili, fejn ghandu jigi rikoverat ghall-kura tal-vizzju ta' droga illi huwa jinsab fih. Il-Qorti hija konvinta bil-progress tal-imputat, u qeghda tiddikjara illi hija rat biddla radikali go fih minn mindu hija ltaqghet mieghu l-ewwel darba u l-biddla illi rat din il-Qorti, hija wahda fil-posittiv.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tissuggerixxi illi l-imputat Dawah, jintbghat il-Fakulta' SATU.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.